

Brussell, 21 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10416/19

SOC 496
EMPL 384
ECOFIN 649
EDUC 328
SAN 310
GENDER 30
ANTIDISCRIM 20

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: L-Ekonomija tal-Benesseri
- Nota ta' gwida (għad-dibattitu ministerjali)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż in-nota ta' gwida msemmija hawn fuq, bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (EPSCO) tat-8 ta' Lulju 2019.

Ekonomija tal-Benesseri

Qed ifeġġu sfidi u opportunitajiet kbar fuq l-orizzont tal-Ewropa, marbuta ma' bidliet xprunati mill-globalizzazzjoni, it-tibdil fil-klima, l-iżvilupp teknoloġiku, forom ġodda ta' xogħol, u bidliet demografiċi minħabba stennija ta' għomor itwal u rati baxxi tat-twelid. F'dan il-kuntest, ir-reżiljenza u l-kapaċità li nadattaw malajr għall-bidliet f'kull livell tas-soċjetà, inkluż il-gvern u n-negozju, huma importanti aktar minn qatt qabel.

Sabiex nirrispondu għal dawn l-iżviluppi u niksbu tkabbir sostenibbli u inklużiv f'ambjent li qed jinbidel malajr jeħtieġ li nipromwovu l-mudell soċjali Ewropew tagħna li jagħti s-setgħa lil kulħadd. Huwa l-vantaġġ komparattiv tagħna f'kompetizzjoni globali li qed tiżdied. L-UE għandu jkollha l-għan li tkun *l-aktar ekonomija kompetittiva u soċjalment koeżiva* fid-dinja.

Id-dibattitu dwar id-dimensjoni soċjali tal-UE ilu għaddej snin. Hemm kunsens wiesa' bejn il-Ministri tal-EPSCO dwar l-importanza tad-dimensjoni soċjali tal-UE u l-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tagħha fid-diskussjonijiet dwar il-politika tal-UE, inkluż fis-Semestru. Madankollu, xi drabi, id-dimensjoni soċjali għadha tidher xi ftit subordinata għal oqsma ta' politika tal-UE oħra.

Il-Kummissjoni Ewropea nediet ħafna inizjattivi importanti li jrawmu d-dimensjoni soċjali, bl-aktar waħda importanti fosthom tkun il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Dan tal-aħħar kien objettiv intermedju importanti fil-promozzjoni ulterjuri tad-dimensjoni soċjali fl-aġenda politika tal-UE u fir-rabta aktar mill-qrib bejn id-dimensjonijiet ekonomiċi u soċjali. Il-Presidenza Finlandiża trid tkompli u tappfondixxi d-diskussjoni mnedija mill-Pilastru Ewropew dwar id-Drittijiet Soċjali u beħsiebha jkollha riflessjonijiet fil-fond dwar *l-Ekonomija tal-Benesseri, u l-interkonnessjonijiet li jsaħħu lil xulxin bejn il-benesseri tal-bniedem u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli*.

Ir-*raison d'être* tal-UE, kif minqux fit-Trattat, hija li tiżgura r-rispett għad-dinjità tal-bniedem u tippromwovi l-benesseri taċ-ċittadini tagħha.

Il-benesseri tal-bniedem u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli mhumiex għanijiet kontradittorji. L-OECD wettqet riċerka estensiva dwar is-suġġett tal-Ekonomija tal-Benesseri¹, li turi li l-benesseri tal-bniedem u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli jsaħħu lil xulxin. Il-promozzjoni tal-benesseri kif ukoll il-prevenzjoni tal-mard u l-esklużjoni soċjali huma ta' importanza kbira mill-perspettiva tal-bniedem, iżda huma wkoll aspetti ewlenin fit-tnaqqis tan-nefqa pubblika futura, iż-żieda fil-produttività u l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol. Filwaqt li l-benesseri tal-bniedem huwa valur fih innifsu, huwa wkoll vitali għall-ekonomija. Dan huwa *l-affermazzjoni primarja tal-Ekonomija tal-Benesseri*.

L-Ekonomija tal-Benesseri hija kunċett wiesa' li jkopri miżuri politiċi fl-oqsma soċjali, tal-impjiegi, tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, tas-saħħa u tal-edukazzjoni. Hija tissottolinja l-importanza ta' approċċ orizzontali. It-tneħħija ta' kompartimenti permezz tal-kollaborazzjoni transsettorjali hija essenzjali biex l-Ekonomija tal-Benesseri toħroġ il-potenzjal sħiħ tagħha. Il-kollaborazzjoni ssaħħaħ il-bażi ta' għarfien u tipprovdi sinerġiji u potenzjal mhux użat li jridu jintużaw sabiex jiġu massimizzati l-impatti pożittivi fit-tul ta' deċiżjonijiet dwar il-politika.

Il-miżuri li jappoġġaw il-benesseri u opportunitajiet soċjoekonomiċi akbar jistgħu jieħdu effett b'intervalli latenti konsiderevoli, u l-kontribut tagħhom lill-ekonomija huwa sikwit diffiċli li jiġi stmat bi preċiżjoni. Għaldaqstant huwa diffiċli wkoll li investimenti fil-qasam tal-benesseri jiġu inklużi fil-politika fiskali, speċjalment matul perijodu ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Dan jista, madankollu, jirriżulta f'effetti kollaterali negattivi ħorox u deterjorazzjoni tal-elementi fundamentali ekonomiċi.

Filwaqt li l-PDG huwa siewi biex titkejjel il-produttività tas-suq u tingħata stampa indikattiva ta' xi ekonomija f'mument partikolari, huwa ma jipprovdi stampa komprensiva tal-benesseri taċ-ċittadini. It-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza jirrikjedi l-użu ta' sett wiesa' ta' indikaturi u valutazzjonijiet komprensivi tal-impatt u perspettiva fit-tul.

¹ Is-Sommarju Eżekuttiv tal-OECD fid-dok. ST 10414/19 u d-Dokument ta' Informazzjoni tal-OECD fid-dok. ST 10414/19 ADD 1.

L-Ekonomija tal-Benesseri hija approċċ li:

- *iżid il-fehim tagħna dwar kif il-benesseri tal-bniedem itejjeb il-produttività, jiġġenera t-tkabbir ekonomiku, iżid l-impjiegi, u jtejjeb is-sostenibbiltà fiskali;*
- *jenfasizza l-importanza ta' valutazzjonijiet komprensivi tal-impatt, li jiżguraw evalwazzjoni dwar kif il-miżuri leġiżlattivi u politiċi jaffettwaw il-benesseri taċ-ċittadini;*
- *jenfasizza l-benesseri bħala valur fih innifsu u bħala sors ta' reżiljenza u stabbiltà soċjetali li barra minn hekk jibbenefikaw minnu n-negozji u jattira l-investimenti.*

L-Ekonomija tal-Benesseri ma tirrikjedix kompetenzi ġodda u lanqas neċessarjament strutturi ġodda għall-UE iżda pjuttost użu mtejjeb ta' dawk eżistenti. Hija tissottolinja l-importanza tat-twerttiq fl-oqsma fejn l-UE għandha mandat, bħas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Flimkien ma' din il-kompetenza diretta, l-UE taffettwa l-benesseri taċ-ċittadini tagħha f'diversi modi. Hija taffettwah permezz ta' leġiżlazzjoni f'setturi oħra dwar politika, permezz tas-Semestru Ewropew, li jinvolvi politiki ekonomiċi, soċjali kif ukoll dwar l-impjiegi u s-saħħa, u permezz tal-promozzjoni u l-iskambju tal-aħjar Prattiki. Il-benesseri taċ-ċittadini għandu effetti kollaterali transfrutieri konsiderevoli, mhux biss permezz tat-tkabbir iżda wkoll permezz tal-istabbiltà ekonomika u soċjetali, li jagħmluh ta' importanza ewlenija għall-futur tal-UE. Fil-fatt, jekk l-UE ma tidhirx li qed iżżid il-benesseri taċ-ċittadini tagħha titlef l-appoġġ pubbliku.

Waħda mill-akbar sfidi li qed taffaċċja l-UE hija l-inugwaljanza li qed tfeġġ fl-Istati Membri. L-inugwaljanza tikkawża telf sinifikanti fil-potenzjal ekonomiku u tal-bniedem, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. Aktar opportunitajiet għall-mobbiltà soċjali għall-aħjar jappoġġaw il-konverġenza soċjali u ekonomika għall-aħjar li teħtieġ l-UE.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Ministri huma mistiedna jindirizzaw il-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1) X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar it-tishiĥ tal-Ekonomija tal-Benesseri bħala linja gwida għall-politika u t-teħid ta' deċiżjonijiet?
- 2) B'liema mod għandhom jiġu żviluppati l-politika u t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE sabiex tissaħħaħ ir-rabta bejn il-politika ekonomika u l-politiki dwar il-benesseri?
- 3) It-tishiĥ tal-prinċipji tal-Ekonomija tal-Benesseri madwar l-UE huwa mira fit-tul. X'għandhom ikunu l-ewwel passi?